# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2019

**Rikors Numru : 480/2018 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**NAP**

**Vs**

**GB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' NAP, datat 29 ta' Ottubru 2018, a fol 1, li jaqra hekk:

> *Illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Gunju 2010 (Ara Dok A anness) u min dan iz-zwieg ma kellhomx ulied.*
>
> *Illi l-partijiet ilhom legalemnt separati b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Alexandra Micallef mill-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) (Ara Dok B anness);*
>
> *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzoni bejn ir-rikorrenti u l-intimat stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u r-rikorrenti ffurmat rabta ma persuna ohra;*
>
> *Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut stante li fuq il-kuntratt anness l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu izzewwgu nhar il-12 ta' Gunju 2010, fir-Registru u illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx ulied; (Vide dok A)

Jirrizulta wkoll illi l-partijiet ilhom separati legalment b'kuntratt datat 14 ta' Frar 2013 in atti tan-Nutar Alexandra Micallef. (Vide Dok B);

**NAP** xehdet illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Gunju 2010 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Kienu ottjenew separazzjoni legali fl-14 ta' Frar 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**GB** xehed u kkonferma u kkorobora x-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***[...]***

Il-Qorti tqis illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Frar 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexandra Micallef, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal madwar sebgha snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**